# KUNSILL LOKALI MARSA

*Minuti tal-Wieħed u Tletin laqgħa tal-Kunsill tal-Marsa li saret nhar l-Erbgħa 12 ta' Frar 2014 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, fil-Ħamsa w nofs ta' filgħaxija (5.30pm)*

## *Preżenti*

| | |
|---|---|
| Is-Sur Francis Debono | Sindku |
| Is-Sur Dominic Spencer | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Buhagiar | Kunsillier |
| Is-Sur Noel Scerri | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Cachia | Kunsillier |

## *Skużat*

| | |
|---|---|
| Is-Sur Josef Azzopardi | Viċi Sindku |
| Is-Sur Joseph Grima | Kunsillier |

## *1. Talba.*

Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal it-talba.

1.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab li l-Kunsill jikkonsidra lill-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi u l-Kunsillier Joseph Grima bħala skużati minħabba raġunijiet familjari. Is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *2. Approvazzjoni tal-Minuti tat-Tletin laqgħa tal-Kunsill li saret nhar l-Erbgħa 29 ta' Jannar 2014.*

2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni tat-Tletin laqgħa tal-Kunsill tal-Marsa li saret nhar l-Erbgħa 29 ta' Jannar 2014 kif ippreżentati. Is-Sur Anthony Buħaġiar issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *3. Deċiżjoni fuq Kwotazzjoni 1/14 – Provision of boardroom tables and chairs*

3.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ppreżenta numru ta' kwotazzjonijiet li l-Kunsill irċieva mingħand kumpaniji varji sabiex jagħtu dan is-servizz fosthom FXB, Micra, Bonds, Omnistat, L&A Camilleri Ltd, Fino u BDI.

3.2 Wara analiżi tal-kwotazzjonijiet kollha mill-Kunsilliera preżenti s-Sur Joseph Cachia ppropona li tinxtara Boardroom table mingħand l-FXB għas-somma ta' tmien mija w ħamsin ewro (€850) u jinxtraw tnax il-siġġu biex jikkumplimentaw il-boardroom mingħand Micra Ltd għas-somma ta' elfejn sitt mija disgħa u sittin ewro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€2669.99). Is-Sur Anthony Buhagiar issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 4. ***Deċiżjoni fuq Kwotazzjoni 2/14 – Provision of Office Chairs, Waiting area and kitchen stools***

4.1 Wara li l-Kunsill ippreżenta l-kwotazzjonijiet fuq dan is-suġġett is-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona li l-Kunsill għandu jħalli f'idejn l-Amministrazzjoni tal-Kunsill tagħżel l-aħjar għamara mill-kwotazzjonijiet li l-Kunsill irċieva mingħand: Bonds, Omnisat, L&A Camilleri Ltd, BDI, FXB. Is-Sur Joseph Cachia ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 5. ***Deċiżjoni fuq Kwotazzjoni 3/14 – Iron signage at New Local Council's building façade***

5.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ppreżenta kwotazzjonijiet li l-Kunsill irċieva mingħand il-kumpaniji għal dan is-servizz:

| | |
|---|---|
| HD Entertainment | € 750.00 |
| Steel Structure | € 1166.55 |

5.2 Wara diskussjoni li saret fil-Kunsill fuq din il-materja s-Sur Joseph Cachia ppropona li l-Kunsill jagħzel l-orħos offerta. Is-Sindku s-Sur Francis Debono ssekonda. Il-Vot kien unanimu. Is-Sindku talab ukoll lill-Kunsill jiddeċiedi fuq momento' li jista' jingħata lir-residenti għal din l-okkazzjoni mingħand il-kumpanija Horace Enterprises Ltd liema servizz ma jaqbizx l-elf mija u ħamsin ewro (€1150) għal kwantita' ta' elfejn u ħames mitt biro (2500). Is-Sur Anthony Buhagiar talab li l-Kunsill jagħzel il-biro bajda u ħamra. Is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 6. ***Programm tal-Ftugħ Uffiċċjali ta' l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.***

6.1 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti kif tiġa nfurmhom personalment u kollha kkonfermaw u aċċettaw, li l-ftuħ uffiċjali ser jsir nhar il-Ġimgħa 28 ta' Marzu fis-sitta ta' filgħaxija (6.00pm) dan minħabba li f'dak il-ħin biss il-Prim Ministru huwa disponibbli. Għal din l-okkazjoni s-Sindku ppropona li l-programm ikun qasir minħabba d-disponibilta' tal-Prim Ministru fejn issir introduzzjoni fuq l-istorja tal-Kunsill, fuq ix-xogħol u x'wassal lill-Kunsill biex jibni dan l-Uffiċċju Amministrattiv għal ġid tal-Komunita' Marsija u wara jsiru d-diskorsi ta' l-Okkazzjoni mill-Prim Ministru u s-Segretarju Parlamentari l-Onor. Dr Jose' Herrera. Għal din l-okkazzjoni għandhom jiġu mistiedna ir-residenti kollha tal-Lokal u l-Uffiċċjali u l-membri ta' l-Għaqdiet. Għandu jintalab ukoll servizz tal-video u photographer filwaqt li ssir bibita għall-mistednin u jekk jinħarġu l-permessi neċessarji mingħand il-Pulizija sabiex tinħaraq xi musketterija u l-Kunsill jixtri dan is-servizz ukoll. Is-Sur Joseph Cachia ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

6.2 Wara diskussjoni twila li saret fil-Kunsill dwar l-irhama ta' barra u ta' ġewwa kif deċiż waqt seduta preċedent, s-Sur Dominic Spencer ippropona li ssir irhama waħda u din tkun barra u li taqra hekk :

Bini Amministrattiv Ġdid tal-Kunsill
Għall-Benefiċċju u s-Servizz tal-Komunita' Marsija.
Inawgurat mill-Onorevoli Dr Joseph Muscat
Prim Ministru ta' Malta
Flimkien mas-Sindku s-Sur Francis Debono fil-preżenza ta'
l-Onorevoli Jose' Herrera, Segretarju Parlamentari tal-Gvern Lokali u Kultura
u mill-Membri tal-Kunsill:

Viċi Sindku Josef Azzopardi
Kunsilliera Dominic Spencer
Anthony Buhagiar
Noel Scerri
Joseph Grima
Joseph Cachia

Illum il-Gimgħa 28 ta' Marzu 2014

6.3 It-tberik ta' din l-irħama jsir miż-żewġ Kapillani tal-Parroċċi tal-Lokalita' kif ukoll li l-Kunsill għandu jitlob liż-żewġ baned tal-Lokal sabiex għal din l-okkazzjoni jdoqqu xi mużika ta' l-okkazzjoni liema spiża għandha tkun raġonevoli, minflokk jiġu ngaġġati l-Grupp Mużikali Virtuosi kif deċiż f'seduta preċedenti. Għal din l-okkazzjoni wkoll għandu jiġi mikri PA System kif inhu xieraq. Barra minhekk is-Sindku ssuġġerixxa li l-mistiednin għandhom jkunu seated u għalhekk il-Kunsill għandu jaħseb sabiex jikri ammont konsiderevoli ta' siġġijiet. Il-Kunsill għandu jħalli dan kollhu f'idejn l-Amministrazzjoni tal-Kunsill. Is-Sur Anthony Buhagiar issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 7. ***Aġġornament tal-Laqgħa***

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 19 ta' Frar 2014 fil-Ħamsa w nofs ta' filgħaxija (5.30pm)

Il-laqgħa spiċċat fit-Tmienja w għaxra ta' filgħaxija (8.10pm)

Francis Debono
Sindku

Adrian Attard B.Comm.B.A.(Hons) MBA
Segretarju Ezekuttiv